MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 186/1997/1

**Joseph Xerri bħala mandatarju ta' l-imsefrin Stephen u Reġina konjuġi Greenwood**

**v.**

**Hix Travel Ltd (u skond il-verbal tal-20 ta' Ġunju 2003, il-kelma "Travel" tneħħiet minn isem is-socjeta` kull fejn tirrikorri)**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` konvenuta li permezz tiegħu din il-Qorti qed tiġi mitluba tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, deċiża fid-29 ta' Novembru 2005, u konsegwetement ticħad it-talbiet ta' l-attur nomine bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur.

Għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell is-sentenza appellata qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
"Il-Qorti,

"PRELIMINARI

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur nomine, wara li ppremetta illi:

"Illi l-konjuġi Stephen u Regina Greenwood kienu ftehmu mas-soċjeta` konvenuta illi huma u l-ħames uliedhom jmorru fuq "tour" għal Pariġi u Disneyland Paris bejn is-sebgħa (7) u l-erbatax (14) ta' Settembru, 1997, u għal din iż-żjara huma ħallsu l-prezz totali komplessiv elf mija u sitta u erbgħin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu (LMl,146.95c);

"Illi pero`, meta waslu fl-ajruport ta' Pariġi, il-familja Greenwood ma tħallewx joħorġu mill-ajruport peress illi huma kellhom passaport Awstraljan, u allura kienet meħtieġa illi jkollhom "visa" sabiex jidħlu Franza;

"Illi infatti l-familja intiera nżammet f'detenzjoni għal kważi jumejn fl-ajruport Franċiż u imbagħad intbagħtet lura Malta;

"Illi dan kollu ġara minħabba imprudenza grassa ta' l-impjegati tas-soċjeta` konvenuta illi minkejja illi kellhom a dispożizzjoni tagħhom il-passaporti tal-familja Greenwood naqsu illi jirrealiżżaw illi dawn kienu passaporti Awstraljani u naqsu ukoll illi jinfurmawhom illi għandhom bżonn visa minkejja domanda espliċita f'dan is-sens;

"Illi per konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' diliġenza da parti tas-soċjeta` konvenuta, il-familja Greenwood sofriet danni konsistenti fit-telf totali tal-ammont imħallas minnhom lis-soċjeta` konvenuta, oltre spejjeż inkorsi fi Franza u danni oħra illi sejrin jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża

"Illi l-booking u reservation tal-familja Greenwood mas-soċjeta` konvenuta sar fl-uffiċċju tagħhom ġewwa Għawdex - 39 B, Saint Andrew Street, Victoria, u l-ħlas tal-prezz sar f'dak l-uffiċċju, kif ukoll kien minn dal l-uffiċċju illi l-istess familja ġabret il-biljetti u dokumenti oħra tal-vjaġġ tagħhom, u għal din ir-raġuni l-esponenti qiegħed jadixxi lil din il-Qorti;

"Illi minkejja illi giet interpellata sabiex tirrifondi l-prezz imħallas lill-familja Greenwood, is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti, għalkemm f'mument minnhom hija offriet illi tirrifondi s-somma ta' ħames mija u erbgħa u sebgħin lira Maltija (LM574) ċioe` nofs is-somma globali minfuqa.

"Talab lis-soċjeta` konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjarak responsabbli fil-konfront tal-konjuġi Greenwood, kif rappreżentati għad-danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza u għal finijiet tal-vjaġġ inutili tagħhom lejn Pariġi fis-7 ta' Settembru 1997;

"1. Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

"2. Tikkundannah sabiex tħallas lill-attur nomine dawn id-danni kif hekk likwidati.

"Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittri interpellatorji tad-9 ta' Settembru, 1997 u tad-19 ta' Settembru, 1997 kontra l-konvenut, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni debitament imsejħa.

"Bl-interessi fuq is-somma ta' LM1146.95c b'effett mid-data tan-notifika lis-soċjeta` konvenuta ta' din iċ-ċitazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv.

"1. Tiddikjarah responsabbli fil-konfront tal-konjuġi Greenwood, kif rappreżentati għad-danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza u għal finijiet tal-vjaġġ inutili tagħhom lejn Pariġi fis-7 ta' Settembru 1997;

"2. Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

"3. Tikkundannah sabiex tħallas lill-attur nomine dawn id-danni kif hekk likwidati.

"Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittri interpellatorji tad-9 ta' Settembru, 1997 u tad-19 ta' Settembru, 1997 kontra l-konvenut, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni debitament imsejħa.

"Bl-interessi fuq is-somma ta' LM1146.95c b'effett mid-data tan-notifika lis-soċjeta` konvenuta ta' din iċ-ċitazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine debitament maħlufa minnu.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta li eċċepiet illi:

"1. Illi preliminarjament, l-imkompetenza "ratione loci" ta' din il-Qorti, in vista tal-fatt li s-soċjeta` konvenuta hija residenti Malta u għandha għalhekk tkun imħarrka fil-forum tagħha (artikoli 47, 50, 741(C) u 767 tal-Kodiċi tal-Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili);

"2. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, mhiex responsabilita` tas-soċjeta` konvenuta li tara jekk klijent għandux bżonn jew le visa biex jidħol f'pajjiż ieħor; se mai, din responsabilita` hija tal-kumpanija Air Malta Company Limited li għandha obbligu ma ttellax persuni għad-

destinazzjoni jekk ma jkollhomx visa valida; għalhekk, l-esponenti jitlob il-kjamata in kawża tal-imsemmija kumpanija;

"3. Illi, f'kull każ, it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-soċjeta` konvenuta ma tista' qatt tkun responsabbli għan-nuqqas, peress li huwa wkoll obbligu tal-istess passiġġier li jivverifika hu jekk għandux bżonn visa jew le

"4. Illi, mingħajr preġudizzju għal premess, in-nuqqas huwa wkoll tort ta' l-istess passiġġier, peress illi s-soċjeta` konvenuta ħejjiet laqgħa għall-passiġġieri li kienu se jtiru fil-grupp, bi ħsieb li jiġu spjegati xi affarijiet lill-passiġġieri u jiġu ċċarati xi problemi; l-atturi, pero`, ma attendewx għal din il-laqgħa u, għalhekk, naqsu li jinformaw ruħhom fuq dak li hemm bżonn għall-vjaġġ u jieħdu tweġiba għal xi problemi li jista' jkollhom;

"5. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għal premess, it-talbiet attriċi huma wkoll infondati għax irriżulta li l-atturi ma kellhomx mezzi biex jsostnu lilhom infushom fi Franza, u huma ma tħallewx jidħlu fi Franza aktar minħabba din ir-raġuni milli għal xi raġuni oħra;

"6. Illi wkoll mingħajr preġudizzju, jiġi rilevat li huwa dmir ta' kull persuna li tipprova tnaqqas id-danni; bla preġudizzju s-soċjeta` konvenuta kienet offriet lill-atturi li jitilgħu Pariġi erbat ijiem wara li jħallsu biss LM250 żejda u b'hekk jsalvaw il-parti l-kbira mill-vaganza; l-atturi ma riedux, u b'hekk sofrew il-parti l-kbira mid-danni konsegwenza ta' l-agir tagħhom stess.

"Salv jekk ikun il-każ eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta` konvenuta maħlufa minn Henry Xuereb.

"Rat is-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Novembru 2000 dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

"Rat il-verbal tagħha tal-31 ta' Mejju 2005 fejn ħalliet il-kawża ghal-lum ghas-sentenza.

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur nomine, li qed jippretendi illi jigi kkumpensat mis-soċjeta` konvenuta għad-danni allegatament sofferti mill-mandanti tiegħu, li pprenotaw u ħallsu inutilment għal vjaġġ f'Pariġi u Euro Disney li ma tħallewx iwettqu billi ġew miżmuma fl-ajruport ta' Pariġi hekk kif waslu minn Malta, għax ma kellhomx *visa* sabiex jidħlu Franza. Huwa jattribwixxi l-ħtija għal dak li ġara lis-soċjeta` konvenuta li permezz ta' l-impjegati tagħha naqset milli tinfurmahom li, bħala persuni b'passaport Awstraljan, il-mandanti tiegħu kienu jenħtieġu din il-*visa.*

"L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendi li hu l-każ preżenti l-attur nomine[2]. Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

""*E` detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu` ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero`, si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta*

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2 .
[2] art. 1033 Kap.16 .

*la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

"FATTI

"Ġara illi l-konjuġi Stephen u Regina Greenwood, rappreżentati f'dawn il-proċeduri mill-attur nomine, kienu ġew Għawdex bil-ħamest itfal tagħhom, sabiex iżuru l-familja tal-mara. Kif kienu hawn tħajru jagħmlu vaganza f'Parigi u Euro Disney. Għalhekk avviċinaw l-agenzija tas-soċjeta` konvenuta f'Għawdex, bbukjaw ġita ta' ġimgħa f'dawn id-destinazzjonijiet u għal dan il-għan ħallsu is-somma indikata fiċ-ċitazzjoni . Pero` malli waslu fl-ajruport Orly ta' Pariġi fuq titjira ta' l-Air Malta, ma tħallewx joħorġu minn hemm billi ma kellhomx *visa* sabiex jidħlu fil-pajjiż, u ġew mibgħuta lura ma' l-ewwel titjira li kien hemm destinata għal Malta. B'hekk mhux talli tilfu l-vaganza ppjanata, imma wkoll ġie li ħallsu għall-istess vaganza inutilment.

"RESPONSABILITA`;

"L-attur nomine jikkontendi illi għal dak li ġara taħti unikament is-soċjeta` konvenuta billi, meta bbukkjaw din il-vaganza, naqset illi tinforma lill-konjuġi Greenwood illi, bħala ċittadini Awstraljani u b'passaport ta' dak il-pajjiż biss, kellhom bżonn ta' *visa* biex jitħallew jidħlu fi Franza.

"Ġie mgħallem mill-**Mattirolo** fir-rigward tal-prova li hi meħtieġa f'min jallega xi ħaġa, illi : "*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che* ***'semper onus probandi ei incumbit qui dicit'****, ossia che* ***'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit****.' In verita`, il principio di egualianza civile, che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita` di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti. Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto; e*

---

[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano ed. 1903 vol. II. # 18 p. 32 - 33

*l'autorita` giudicante dee pronunizare* ***juxta allegata et probata ….*** *Applichiamo questa regola all'una e all'altra parte.*

*"(a) Il primo ad agire nella causa e ad allegare un fatto, da cui egli pretende sia per risultare un cambiamento nello stato attuale del diritto, e` l'attore; e percio`* ***actori onus probandi incumbit .*** *Quindi nelle cause in cui si propone un'azione reale l'attore dovra` provare il fatto dal quale deriva il dominio, …; se egli invece promuove un'azione personale, dovra` pure provare quel fatto, quell'avvenimento da cui nacque il suo diritto e la conseguente obbligazione del convenuto . L'attore, che non provi, deve soccombere : actor non probante, reus est absolvendus*[4] *. Conseguentemente, in presenza di una domanda non provata, il convenuto puo` limitarsi a negare il fatto allegato, ma non provato dall'attore ; e il giudice debbe senz'altro assolverlo.*

*"(b) Se l'attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell'attore, dovra`, dal suo conto, dare la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e` fondata la sua eccezione : onde la massima '****onus probandi incumbit actori'****, vuol essere completata con quest'altra* ***'reus in excipiendo fit actor'****."* [5]

"B'mod aktar speċifiku f'kawża għad-danni bħal ma għandna hawnhekk l-attur irid jipprova : "*bejn id-dannu fil-konfront tiegħu u l-kopla fil-konfront tal-appellat ness ta' kawzalita` … . Illi n-ness ta' kawżalita` hu fiċ-ċentru tal-problema tar-responsabilita` ċivili, mingħajr il-ħtieġa f'dan ir-rigward (mhux biss fid-dottrina moderna tal-obbligazzjonijiet imma anki fil-loġika) ta' distinzjoni bejn il-kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bħala kawża tad-dannu jrid ikun il-kawża ġenerika tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f'ness ta' kawżalita`*

[4] sottolinear tal-Qorti .

[5] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano vol. III 5ta ed. para. 465, 467, 468, 471 pag. 380 – 382 .

*mal-fatt kolpuż li fuqu tkun bażata domanda għar-risarċiment*." [6]

"Dan ifisser fil-każ tagħna illi l-attur nomine irid jipprova illi kienet is-soċjeta` konvenuta illi taħti għall-akkadut, fejn il-mandanti tiegħu ġew miżmuma l-ajruport ta' Pariġi u ma tħallewx jingħaqdu mal-bqija tal-grupp illi bħalhom kienu kkuntrattaw ma' l-istess soċjeta` biex jagħmlu dan it-*tour*. Stephen Greenwood spjega fl-affidavit tiegħu kif, wara li daru diversi agenziji ta' l-ivvjaġġar, iddeċidew li jordnaw it-*tour* tagħhom mingħand is-soċjeta` konvenuta permezz ta' l-aġenzija tagħha f'Għawdex. Il-*bookings* għamlithom il-mara tiegħu minn fuq it-telephone, fejn ġiet mitluba tagħti d-dettalji ta' l-ismijiet, etajiet u numri tal-passaporti. Sew f'dik l-okkazjoni, u anke meta marru jagħmlu l-ħlasijiet dovuti, indagaw ma' l-impjegata tad-ditta konvenuta jekk kellhomx bżonn *visa*, u din dejjem wieġbet fin-negattiv[7]. Dwar dan kollu ġie kkorroborat minn martu[8]. Għalkemm Miriam Fenech l-impjegata tas-soċjeta` konvenuta li kkuntrattat mal-konjuġi Greenwood, stqarret fid-depożizzjoni tagħha illi għal din il-mistoqsija tagħhom hija wieġbet illi l-Maltin ma kellhomx bżonn ta' visa,[9] Henry Xuereb, direttur tas-soċjeta` attriċi, ikkonferma f'ittra mibgħuta lil-legali ta' l-attur nomine qabel ma ġiet intavolta din il-kawża, illi kien hemm malintiż dwar in-nazzjonalita` tal-familja Greenwood, meta l-impjegata tiegħu qalet li ma kellhomx bżonn ta' *visa*. Fi kliemu: "*We replied in the negative to their query regarding a visa owing to a misunderstanding of their nationality*." [10] Dan jerġa' jammettieh fid-depożizzjoni tiegħu[11]. Helen Cassar, oħtu, li kienet tmexxi l-uffiċċju ta' Għawdex tgħid addirittura illi l-konjuġi Greenwood kienu infurmaw lil din l-impjegata li kienu Awstraljani[12]

---

[6] Appell : Paul Laferla vs Commodore Edward Palmer noe.:11.12.1967

.

[7] ara affidavit ta' Stephen Greenwood: Dok. C a fol.18 - 19 tal-process .

[8] ara affidavit ta' Regina Greenwood : Dok. B a fol. 7 – 8 .

[9] ara depożizzjoni tagħha a fol. 77 .

[10] ara ittra datata t-18 ta' Settembru 1997 a fol. 67 .

[11] a fol. 62 .

[12] ara depożizzjoni tagħha in kontro-ezami a fol. 53 .

Madankollu s-soċjeta` konvenuta tiċħad ir-responsabilita` għal dak li ġara għal tliet raġunijiet:

"(i) ma kienx kompitu tagħha illi tinforma lill-konjuġi Greenwood dwar il-ħtieġa ta' *visa*;

"(ii) dawn ma attendewx laqgħa li saret appuntu sabiex min kien ser imur għat-*tour* jikseb l-informazzjoni meħtieġa u jiċċara kwalunkwe diffikultajiet li seta' kellu;

"(iii) il-linja ta' l-ajru li ġarret lill-abbonati f'dan it-*tour* messa ndunat li l-konjuġi Greenwood ma kellhomx *visa* u ma ħalliethomx jivvjaġġaw fuq l-ajruplan tagħha;

"(iv) il-konjuġi Greenwood lanqas kellhom ebda mezzi biex isostnu lilhom infushom fl-esteru.

"Din id-difiża tas-soċjeta` konvenuta setgħet kellha xi validita` li kieku ma laħqitx ikkomettiet ruħha b'mod daqstant kategoriku mal-konjuġi Greenwood. Għal aktar minn darba dawn ġew aċċertati mill-impjegata tagħha illi ma kellhomx bżonn *visa* biex jagħmlu din is-safra. Jekk kien hemm xi malintiż da parti ta' din l-impjegata ma seta' kellhom ebda ħtija l-konjuġi Greenwood. Huma serrħu rashom fuq dak li qaltilhom, u ma jidhirx illi kien għad baqgħalhom ebda dubbju f'dan ir-rigward. Jekk ma kienx kompitu tas-soċjeta` konvenuta li tforni l-informazzjoni mitluba dwar din il-kwistjoni lill-klijenti tagħha, setgħet faċilment irreferiethom lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr ma bl-ebda mod tikkommetti ruħha. Min-naħa l-oħra l-fatt li l-konjuġi Greenwood naqsu li jattendu għal-laqgħa organiżżata għal min kien ser jattendi għal dan it-*tour*, lanqas ma jiskolpihom, għax jekk tassew kien minnu illi huma ma kienux tenuti jinformaw lill-klijenti tagħhom biex jivverifikaw jekk kellhomx bżonn ta' *visa*, din l-informazzjoni lanqas kienu ser jagħtuhielhom waqt dik il-laqgħa. Dwar it-tentattiv tas-soċjeta` konvenuta li titfa' parti mill-ħtija fuq il-linja ta' l-ajru li wasslet lill-familja Greenwood sa Franza, għax messha ma tellghethomx fuq l-ajruplan, ma nġiebet ebda prova dwar xi obbligu f'dan is-sens. Fi kwalunkwe każ, ma jistax jiġi injorat illi r-rapport

kuntrattwali in eżami kien bejn il-konjuġi Greenwood min-naħa u s-soċjeta` konvenuta min-naħa l-oħra, u jekk kien hemm xi nuqqas da parti ta' terzi, is-soċjeta` konvenuta ma tistax b'daqshekk taħrab mill-obbligazzjonijiet tagħha lejn il-klijenti tagħha. Kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell f'sitwazzjoni pjuttost simili: " … *jekk din is-soċjeta` barranija naqset milli tadempixxi l-istess obbligazzjonijiet huwa ġust li jingħad li għal dan in-nuqqas fil-konfront tas-soċjeta` attriċi appellata għandha twieġeb is-soċjeta` appellanti li nkarigatha*."[13] Fl-aħħarnett l-allegazzjoni li l-konjuġi Greenwood ma kellhomx flus fuqhom ma ġiet issostanzjata bl-ebda mod, u lanqas jidher illi kienet xi raġuni li wasslet l-awtoritajiet Franċiżi sabiex iżommuhom fil-limiti ta' l-ajruport.[14]

"Jirriżulta għalhekk sodisfaċentement ippruvat mill-attur nomine illi dak li ġara kien kollu ħtija tas-soċjeta` konvenuta li, permezz ta' l-impjegata tagħha fl-agenzija ta' Għawdex, tat informazjoni żbaljata lill-konjuġi Greenwood meta aċċertathom illi ma kellhomx bżonn *visa* biex isiefru għal Franza.

"DANNI

"Id-danni li qed jiġu reklamati jidher illi huma:

"(i) il-prezz li tħallas lis-soċjeta` konvenuta inutilment għall-vjaġġ li l-familja Greenwood kellha tagħmel ġewwa Pariġi u Euro Disney; u

"(ii) l-imgħaxijiet fuq din is-somma min-notifika taċ-ċitazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv.

"Ma hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammont attwalment imħallas. Irriżulta illi l-konjuġi Greenwood għal dan il-vjaġġ ħallsu total ta' elf mija sitta u erbgħin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm1146.95). Huwa minnu illi kif issostni s-soċjeta` konvenuta, d-danni

---

[13] Appell Inferjuri : Zammit & Cachia Ltd. vs Hix Ltd. :17.2.2003 .
[14] ara Dok. H a fol.13 – 17 .

għandhom dejjem jiġu minimizzati,[15] imma ma jidhirx illi huwa ġustifikat li din tippretendi illi l-konjuġi Greenwood kellhom ta' bilfors jaċċettaw l-offerta tagħhom li jaghmlu dan il-vjaġġ bi ħlas addizzjonali ta' Lm250[16]. Inoltre din l-allegazzjoni lanqas tirriżulta mill-provi. Huwa għalhekk ġustifikat l-attur nomine jesiġi r-rifużjoni ta' l-ammont totali mħallas mill-mandanti tiegħu in konsiderazzjoni tal-ġita li ġiet sfrattata. L-imgħaxijiet fuq l-istess somma huma wkoll ripetibbli.

"KONKLUZJONI

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta, fuq il-mertu, tilqa' t-talbiet attriċi u:

"(i) tiddikjara lill-istess soċjeta` konvenuta responsabbli fil-konfront tal-konjuġi Greenwood, kif rappreżentati, għad-danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza u għall-finijiet tal-vjaġġ inutili tagħhom lejn Pariġi fis-7 ta' Settembru 1997;

"(ii) tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta' elf mija u sitta u erbgħin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm1146.95), li huwa l-prezz imħallas minnhom inutilment;

"(iii) tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas dawn id-danni.

"Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji tad-9 ta' Settembru 1997 u tad-19 ta' Settembru 1997 u dawk tas-sentenza preliminari tagħha ta' l-10 ta' Novembru 2000 u bl-imgħaxijiet relattivi fuq din is-somma mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni, sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjeta` konvenuta.

**<u>Ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta HIX Ltd:</u>**

---

15 Appell : Mario Blackman vs Paul Formosa : 5.10.1994; Percius Car Hire Ltd. vs Richard Schembri:20.10.2003;Appell Inferjuri: John Xuereb vs James Edward Livick et: 3.11.1956
16 ara Nota ta' l-Osservazzjoniijiet tas-socjeta` konvenuta a fol. 119

2. Is-socjeta` appellanti HIX Ltd ħassitha aggravata bis-sentenza fuq citata u interponiet appell minnha. Ir-rikors ta' l-appell tagħha jikkonsisti fis-segwenti aggravji principali li jistgħu jiġu miġbura u sintesizzati kif ġej:

(A) Hija tilmenta li l-Qorti naqset milli tapplika l-principji legali applikabbli għall-każ in kwistjoni: u cioe` li kellu jiġi pruvat li d-danni sofferti mill-konjuġi Greenwood kienu b'riżultat dirett ta' l-aġir tas-socjeta` konvenuta. Hija tinsisti li hija fil-fatt mhix responsabbli biex tassigura ruħha li l-passiġġieri jkollhom il-visas necessarji u għalhekk m' hemmx konnessjoni ta' "kawża u effett".

(B) Is-socjeta` appellanti ssostni li x-xhieda ta' Miriam Fenech, l-impjegata li magħha nnegozjaw il-konjuġi Greenwood, hija importantissima iżda l-Qorti naqset milli tikkunsidraha.

(C) Is-socjeta` appellanti tħossha ukoll aggravata bil-fatt li l-Qorti naqset milli tikkunsidra jekk il-konjuġi Greenwood kinux infushom responsabbli għad-danni in kwistjoni.

(D) Finalment is-socjeta` appellanti tilmenta li għalkemm l-ewwel Qorti accettat li jeżisti l-principju li d-danni għandhom dejjem jiġu minimizzati hija kienet sostniet li l-konjuġi Greenwood ma kinux obbligati jieħdu l-offerta li għamiltilhom is-socjeta` appellanti u cioe` li jmorru Pariġi għal erbat ijiem wara l-akkadut u jħallsu biss Lm250.

**<u>Ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur nomine :</u>**

3. L-attur nomine da parti tiegħu wieġeb biex juri li l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

4.1 Din il-kawża hija waħda għad-danni.

4.2 L-isfond tal-kawża fil-qosor huwa dan: il-konjuġi Stephen u Regina Greenwood u l-ħames uliedhom, kollha

ta' cittadinanza Awstraljana, fl-1997 kienu qegħdin Għawdex iżuru l-familja ta' Regina Greenwood. Waqt li kienu Għawdex tħajru jmorru ġimgħa Pariġi u Eurodisney. Huma avvicinaw lis-socjeta` konvenuta (appellanti) u pprenotaw ġita ta' ġimgħa mis-7 ta' Settembru sal-l4 ta' Settembru 1997 għall-prezz ta' Lm1,146.96[17]. Kif waslu Pariġi dawn ma tħallewx joħorġu mill-ajruport peress li rriżulta li bħala cittadini Awstraljani ma kellhomx il-*visa* necessarja sabiex jidħlu fil-pajjiż u għalhekk ġew mibgħuta lura Malta.

Il-konjuġi Greenwood konsegwentement fittxew lis-socjeta` konvenuta għad-danni rappreżentanti l-prezz tal-vaganza li tħallas inutilment. L-ewwel Qorti kkonkludiet illi għal dawn id-danni hija responsabbli s-socjeta` konvenuta peress li *"…dak li ġara kien kollu ħtija tas-socjeta` konvenuta li permezz ta' l-impjegata tagħha fl-aġenzjia ta' Għawdex, tat informazzjoni żbaljata lill-konjuġi Greenwood meta accertathom illi ma kellhomx bżonn visa biex isiefru għal Franza".*

**<u>L-ewwel aggravju</u>:**

5.1 Is-socjeta` appellanti fl-ewwel aggravju tagħha tqajjem in-nuqqas ta' ness ta' kawżalita` bejn id-danni li sofrew il-konjuġi Greenwood u l-aġir tagħha. Is-socjeta` appellanti targumenta li hija <u>m'għandha l-ebda responsabilita` fir-rigward ta' hrug ta' *visas*</u> u ma kellhiex l-obbligu li tavża lill-klijenti tagħha dwar dan, u li għalhekk ma kellhiex tiġi ritenuta responsabbli għad-danni. Hija taccenna għax-xiehda ta' Henry Xuereb[18], il-"*managing director* tagħha", fejn qal li f'kull ufficcju tal-Hix hemm tabella li tavża lill-klijent li hu responsabbli għalih innifsu biex jinvestiga jekk għandhux bżonn *visa* jew le. Fil-fatt l-istess Xuereb kien spjega li s-socjeta` la tipprova ġġib *visa* u lanqas tiddeciedi jekk dak li jkun għandux bżonn *visa* jew le, jigifieri,

[17] Kif jirriżulta mir-ricevuti esebiti a fol 10, 11 u 12 tal-process.
[18] Xiehda ta' Henry Xuereb a fol 58 sa 64

*"<u>Xhud:</u> …Barra minn hekk aħna qatt ma nistgħu narbitraw fuq deċiżjoni ta' konslu jew ambaxxatur li jgħidlu 'għandek bżonn visa jew le'. ….*

*<u>Dr Michael Grech:</u> Il-visa jiġifieri intom ma tidħlux fil-mertu tagħha.*

*<u>Xhud:</u> Le, nidħlu, ngħidulhom 'morru araw għandkomx bżonn'.*

*<u>Dr Michael Grech:</u> Iva, ma tidħlux fil-mertu tagħha f'dassens. L-aġenzija tiegħek la tipprova ġġib viża lill-klijenti…*

*<u>Xhud:</u> Le*

*<u>Dr Michael Grech:</u> u lanqas tiddeciedi jekk hemmx bżonn visa jew le.*

*<u>Xhud:</u> Le. Ma nistgħux."*

5.2 Pero` nonostante din il-pożizzjoni tas-socjeta` appellanti u nonostante t-tabella, jirriżulta li l-impjegata tal-Hix Ltd kienet fil-fatt <u>accertat lill-konjuġi Greenwood illi ma kellhomx bżonn visa</u> biex isiefru għal Franza u kienet fil-fatt din l-informazzjoni skorretta li kkaġunat il-konsegwenzi mertu ta' din il-kawża. Is-socjeta` attrici ddipartixxiet mill-allegata pożizzjoni tagħha li ma tidħolx f'kwistjonijiet ta' *visas* u effettivament <u>ipprovdiet</u> informazzjoni fuq is-suggett tal-*visas*. Kien propju f'dak il-mument fil-fatt li hija assumiet r-responsabilita` ghal dak li sehh wara b'rizultat dirett ta' l-intromissjoni taghha. L-informazzjoni li tat kienet waħda żbaljata u għalhekk ġara li ġara.

5.3 Din il-Qorti mhux ser tidħol fl-argument dwar jekk aġenzija ta' l-ivvjaġġar hiex fil-fatt obbligata tavza lill-klijenti tagħha dwar il-bżonn ta' visas jew le peress li hawnhekk *non si tratta* ta' sitwazzjoni fejn l-aġenzija ta' l-ivvjaġġar naqset li tinforma lill-klijenti tagħha li għandhom bżonn *visa* għall-pajjiz jew pajjizi mertu tal-ġita li qegħdin jixtru mingħandha, iżda huwa invece każ fejn l-aġenzija ta' l-ivvjaġġar, tramite l-impjegata taghha, skorrettement qalet

lill-klijenti tagħha li ma kellhomx bżonn *visa* għad-destinazzjoni tagħhom. Dak li jrid jiġi stabbilit fic-cirkostanzi hu jekk għad-danni li sofrew il-konjuġi Greenwood bħala konsegwenza ta' din l-informazzjoni skorretta hix responsabbli s-socjeta` appellanti.

5.4 Is-socjeta` appellanti da parti tagħha ssostni illi l-impjegata koncernata, Miriam Fenech, ma kenitx ġiet imgħarrfa mill-konjuġi Greenwood bin-nazzjonalita` tagħhom, għax li kieku kienu għarrfuha dwar in-nazzjonalita` Awstraljana tagħhom hija ma kinitx tassumi r-responsabilita` imma kienet tibgħathom jivverifikaw ma' l-ambaxxata Franciża dwar il-kwistjoni.

Irriżulta pero` li n-nazzjonalita` Awstraljana tal-familja Greenwood kienet fil-fatt ġiet debitament ikkomunikata lil din l-impjegata tal-Hix Ltd:

(I) • Regina Greenwood[19] xehdet li meta kienet cemplet lill-Hix Ltd biex tagħmel il-booking l-impjegata Miriam Fenech kienet qaltilha li "*we did not have identity numbers as our passports are Australian".* Żewġha Stephen Greenwood[20] kien preżenti waqt it-telefonata u xehed li *"I also heard her say our passports do not have ID numbers because our passports are Australian".* Stephen Greenwood żied jgħid ukoll li *"After Regina gave her all the information I asked Regina to mention to Miriam whether we needed visas and her answer to that effect was no."*

(II) • Imbagħad kien hemm l-incident tac-cheque books. Meta marru l-ufficcju biex iħallsu d-depożitu Regina Greenwood xehdet li kienet staqsiet lill-impjegata jekk setgħetx tħallas b' cekk. *"At first her answer was 'yes' but when she discovered that it was to be an Australian cheque her answer was 'no'".* Żewġha wkoll jikkonferma dan: *"Before we handed the cash money over we asked whether she accepted cheques and she said yes. When we told her it was an Australian cheque she said no as she only accepts Maltese cheques".*

[19] Xhieda ta' Regina Greenwood a fol 7 – 8
[20] Xhieda ta' Stephen Greenwood a fol 18- 19

(III) ♦ Hemm ukoll ix-xhieda ta’ Helen Cassar[21]. Din hija silta mill-kontro-eżami tagħha:

*“<u>Dr Carmelo Galea</u>: Ara, intom Mr & Mrs Greenwood infurmawkom li huma cittadini Awstraljani, hux hekk?*

*<u>Xhud</u>: Iva, lill-impjegata qalulha, staqsewha.*

*<u>Dr Carmelo Galea</u>: Jiġifieri meta staqsewha jekk inhu bħala cittadini Awstraljani għandhomx bżonn visa setgħet facilment iccempel lill-Head Office, jew lil xi ħadd ieħor jekk kellha dubbju u ticcekkja.*

*<u>Xhud</u>: Setgħet mela.”*

6. Din il-Qorti għalhekk taqbel ma’ l-ewwel Qorti li d-danni sofferti mill-konjuġi Greenwood huma konsegwenza <u>diretta</u> ta’ l-informazzjoni <u>żbaljata</u> li pprovditilhom is-socjeta` appellanti meta nonostante l-okkażjonijiet li fihom huma wrew li huma ta’ cittadinanza Awstraljana l-impjegata assigurathom li ma kellhomx bżonn *visa* għal Franza. Għalhekk l-ewwel aggravju huwa infondat.

**<u>It-tieni aggravju:</u>**

7. Is-socjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx ix-xiehda “importantissima” ta’ l-impjegata Miriam Fenech, meta hija propju x-xhieda ta’ Fenech li kellha sservi biex il-Qorti temmen id-difiża tas-socjeta` Hix Ltd. Is-silta mix-xiehda ta’ Miriam Fenech[22] li ccitat is-socjeta` attrici fir-rikors ta’ l-appell tagħha hija din:
*“<u>Xhud:</u> Dawn riedu jibbukkjaw għat-tour ta’ Paris u Diseyworld u ccekkjajt kienx available, kien fadal il-postijiet u ehe, setgħu jibbukkjaw, ħadt l-isem u meta l-klijent ġie biex iħallas staqsa jekk għandux bżonn visa. Jiena għidtlu, ‘Aħna bħala Maltin, m’ għandniex bżonn visa”*

---

[21] Xhieda ta’ Helen Cassar a fol 52 – 55
[22] Xhieda ta’ Miriam Fenech a fol 76 - 80

*Maġistrat:* *U dan Malti kien?*

*Xhud:* *Il-passaport ma rajtux.*

*Dr Georgine Grech:* *U dak il-ħin qallek "Minix Malti" ?*

*Xhud:* *Le, ma qallix."*

8. L-ewwel Qorti pero` kienet fil-fatt għamlet id-debita referenza għax-xiehda ta' Miriam Fenech u irriteniet hekk: *"Għalkemm Miriam Fenech, l-impjegata tas-socjeta` konvenuta li kkuntrattat mal-konjuġi Greenwood, stqarret fid-depożizzjoni tagħha illi għal din il-mistoqsija tagħhom hija wieġbet illi l-Maltin ma kellhomx bżonn ta' visa, Henry Xuereb, direttur tas-socjeta` attrici, ikkonferma f'ittra mibgħuta lil-legali ta' l-attur nomine qabel ma ġiet intavolata l-kawża, illi kien hemm malintiż dwar in-nazzjonalita` tal-familja Greenwood meta l-impjegata tiegħu qalet li ma kellhomx bżonn visa."*

9. Kif issottometta l-appellat nomine fir-risposta ta' l-appell tiegħu, mhix korretta s-socjeta` appellanti li targumenta li l-Qorti *"naqset milli tikkunsidra"* x-xiehda ta' Miriam Fenech. Jidher invece li kkunsidratha u dehrilha li ma timmeritax li titwemmen. Anke din il-Qorti fil-fatt ma tħossx li hija kredibbli il-parti tax-xhieda tagħha fejn tgħid li qalet lill-klijenti Greenwood li *"Aħna bħala Maltin*[23]*, m' għandniex bżonn visa"* u li minkejja din l-ispecifikazzjoni dwar ic-cittadinanza, ta' Greenwood ma qalu xejn! Iktar huwa verosimili li l-impjegata sempliciment qaltilhom li ma kellhomx bzonn visa u waqfet hemm, mingħajr ma kkunsidrat li huma fil-fatt kienu Awstraljani. Għalhekk dan it-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

**It-tielet aggravju:**

10. Fit-tielet aggravju tagħha s-socjeta` appellanti telenka tlett punti biex taddebita responsabilita` għall-każ in kwistjoni fuq il-konjuġi Greenwood, jigifieri,

[23] Sottolinear tal-Qorti

(1) Il-konjuġi Greenwood ma nfurmawx lill-impjegata li huma Awstraljani jew tawha l-passaport.

Kuntrarjament għal dak allegat, kif diġa ġie stabbilit, il-konjuġi Greenwood kienu fil-fatt kkomunikaw in-nazzjonalita` tagħhom lill-impjegata. Dwar l-allegat nuqqas da parti tagħhom li jtuha l-passaporti, għalkemm Miriam Fenech xehdet li "l-*passaport ma rajtux*" kemm Regina kif ukoll Stephen Greenwood xehdu li dakinhar li ħallsu d-depożitu poġġew il-passaporti tagħhom fuq l-iskrivanija.

Regina Greenwood xehdet hekk: "*I handed the deposit money over and she made out a receipt. During the whole time we were in her office I had our passports on her desk which showed clearly that they were Australian passports. After everything was finalized I then asked her whether she wanted to see the passports and she said 'No, what for, I have the names and the passport numbers'* ".

Stephen Greenwood da parti tiegħu xehed : "*We then gave her the cash money. During this whole time our passports were on her desk. After handing our receipt to us Regina asked her whether she wanted to look at our passports and she said there is no need to.*"

(2) Il-konjuġi Greenwood ma tawx każ ta' l-avviżi li kienet toħroġ il-Hix Ltd

Din il-Qorti, bħall-appellat nomine, ukoll ma tistax tifhem eżatt xi trid tgħid biha s-socjeta` appellanti bil-frażi "*l-avviżi li kienet toħroġ l-istess Hix Ltd".* Ma ġiex fil-fatt pruvat li l-konjuġi Greenwood ircevew xi avviż mingħand is-socjeta` appellanti li permezz tieghu hija kienet tattiralhom l-attenzjoni dwar il-kwistjoni tal-*visas*. Jekk is-socjeta` appellanti qegħda tirreferi għat-tabella msemmija minn Henry Xuereb, li allegatament kienet imwaħħla fl-ufficcju u li tgħid li huwa l-klijent li hu responsabbli biex jinvestiga għandux bżonn *visa* jew le, għandu jingħad li fil-fatt kienet l-impjegata stess li ma aderixxietx ma' tali pożizzjoni tas-socjeta`. Hija ma avżatx lill-klijenti Greenwood li l-kwistjoni tal-*visa* kienet responsabilita` tagħhom, anzi kienet hi

stess li injorat l-imsemmi avviż u pprovditilhom din l-informazzjoni ta' natura konsolari, li sfortunatament kienet waħda skorretta fic-cirkostanzi.

(3) Il-konjuġi Greenwood naqsu li jattendu għal-laqgħa organizzata minn Hix Ltd għat-tour li kienu ser jiffurmaw parti minnu.

Fuq dan il-punt is-socjeta` appellanti żżid hekk *"Għalkemm il-konvenuta mhux dovuta tieħu ħsieb il-visas tal-klijenti tagħha, li kieku attendew għal-laqgħa l-atturi kienu jkunu jindunaw dwar il-ħtieġa tagħha. Minkejja li kien fl-interess tagħhom li jattendu l-atturi ddecidew li ma jattendux għaliha minħabba li kien inkonvenjenti għalihom li jmorru minn Għawdex sa Malta bil-familja tagħhom. Għalhekk bin-negliġenza tagħhom li assentaw rwieħhom minn din il-laqgħa l-atturi tilfu opportunita` oħra li jirrettifikaw il-pożizzjoni tagħhom qabel ma siefru lejn Franza*".

L-ewwel Qorti fil-fatt diġa` kkunsidrat dan l-argument tas-socjeta` attrici u loġikament ikkonkludiet illi "*Jekk tassew kien minnu li huma ma kinux tenuti jinfurmaw lill-klijenti tagħhom biex jivverifikaw jekk kellhomx bżonn ta' visa, din l-informazzjoni lanqas kienu ser jagħtuhielhom waqt il-laqgħa".* Inoltre il-konjuġi Greenwood xehdu illi meta wara li ġew innotifikati bid-data tal-laqgħa, kienu staqsew il-"Gozo representative" jekk kienx assolutament importanti li jattendu għal din il-laqgħa, u dan minħabba l-fatt li kien ser ikun inkonvenjenti għalihom li jinqalgħu minn Għawdex bil-ħamest itfal tagħhom, huma kienu ġew infurmati li dan ma kienx assolutament necessarju u li minflok, bagħtulhom *fax* bl-informazzjoni rilevanti (Esebita bħala Dok A a fol 9). Din il-*fax* fil-fatt ma ssemmi xejn dwar il-ħtieġa ta' *visas*. Għalhekk il-fatt li l-konjuġi Greenwood ma attendewx għal-laqgħa ma kienx nuqqas da parti tagħhom; u mill-informazzjoni mgħoddija lilhom permezz tal-*fax* jirriżulta li anke kieku attendew ma kinitx ser tagħmel xi differenza.

It-tielet aggravju għalhekk jirriżulta infondat ukoll.

**<u>Ir-raba' aggravju:</u>**

11. Is-socjeta` appellanti ħassitha wkoll aggravata bir-raġunament ta' l-ewwel Qorti meta hija ddecidiet illi l-konjuġi Greenwood ma kinux obbligati jaccettaw l-offerta li kienet għamlitilhom l-istess socjeta` u cioe` li jmorru Pariġi erbat ijiem wara u jħallsu "biss" Lm250. Is-socjeta` appellanti targumenta illi ġialadarba l-familja Greenwood kienet se tkun assenti għal xi jiem minn Malta minħabba l-pjanijiet ta' safar tagħha ma kinitx ser tagħmlilhom xi differenza li jaccettaw l-offerta.

Din il-Qorti pero` taqbel ma' l-ewwel Qorti li *"ma jidhirx illi huwa ġustifikat li din tippretendi li l-konjuġi Greenwood kellhom ta' bilfors jaccettaw l-offerta tagħhom li jagħmlu l-vjaġġ bi ħlas addizzjonali ta' Lm250"*. Ma jistax wieħed jitkellem fuq il-kuncett ta' minimizzazzjoni ta' danni kif qed issostni s-socjeta` appellanti meta f'dan il-każ il-minimizzazzjoni ta' danni għas-socjeta` appellanti kienet ser tfisser ġita aktar għolja għall-konjuġi Greenwood. Inoltre kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, din l-allegata offerta lanqas biss tirriżulta mill-provi.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeciedi billi tiċħad l-appell tas-socjeta` Hix Ltd u tikkonferma s-sentenza tad-29 ta' Novembru 2005 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali fil-kawza fl-ismijiet premessi.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------